

Brussell, 20 ta' Jannar 2017
(OR. en)

5491/17

SOC 33
EMPL 25

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 15250/16 SOC 776 EMPL 523	
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Portugall

1. Il-Bord Governattiv ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1111/2005 tal-24 ta' Ġunju 2005¹, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1365/75 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol².
2. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv li jirrappreżentaw il-Gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem huma maħtura mill-Kunsill għal perijodu ta' tliet snin.

¹ ĠU L 184, 15.7.2005, p. 1.

² ĠU L 139, 30.5.1975, p.1.

3. Il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, bid-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2016³. Madankollu, ċerti membri u membri supplenti kellhom jinħatru fi stadju aktar tard.
4. Is-Segretarjat tal-Kunsill issa rċieva nomina waħda ta' membru supplenti tal-Bord Governattiv il-ġdid, kif stipulat fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 5490/17.⁴
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti wieħed tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Portugall, u
 - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2016 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (ĠU C 447, 1.12.16, p. 2)

⁴ Test iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti.